# 20. Għanja lid-Dudu tal-Ħarir

Ja Dudu tal-ħarir, ġod-deh'b imgeżwer
tal-bejta tiegħek fuq id-dahar ta' werqa
tixbaħ lix-xemx imgeżwra ġo dijietha
fl-ikħal tas-sema!

Ah! liema nġenji ġewwa fik mill-weraq
tat-tut u ċ-ċawsri jagħżlu ħjut irċini,
bħal dawk li jagħżel mis-sħabiet xitwija
il-qamar mimli?!

Ja Dudu tal-ħarir, ħalli l-bidwija
iddaqqaq it-tajjar u ġġiżż in-nagħġa
biex tagħmel qmis bla gost u bla sbuħija
lil żewġha raħli;

Minn ġol-palazz tiġbor il-fosdoq tiegħek
tiġri r-Reġina, u mill-ħjut tagħhom tinseġ
mantar leqqien, u toqgħod bih ħdejn żewġha
fit-tron imdieheb,

Mantar li biex jiżżejjen kif hu xieraq
il-mewġ idum isus fl-għerien mudlama
eluf ta' snin sakemm inaqqax fergħa
korall u ġawhar!